MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 52/2010

**Ivan VELLA**

**vs**

**MECCA ENTERPRISES LIMITED u b'digriet tat-13 ta' Gunju, 2011 gew kjamati in kawza Nicol, Paul u Andrea ahwa Chetcuti**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba mressqa mill-attur fil-21 ta' Jannar, 2010 u li permezz taghha talab lit-Tribunal biex jikkundanna lill-konvenuti jhallsuh is-somma ta' elfejn u hames mitt euro (€2,500) wara li ppremetta hekk:

"Tordna lis-socjeta konvenuta intimata thallas is-somma ta' elfejn u hames mitt euro (€2,500) jew somma verjuri li tigi likwidata minn dan l-Onorabbli Tribunal rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta lill-attur rikorrenti ghal xogholijiet ta' tqeghid ta' *membrane* f'dit proprjeta tas-socjeta konvenuta intimata, u ghalhekk dan il-prezz

jikkomprendi spejjez ta' materjal u mano d'opera u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali datata 24 ta' Gunju 2009 u bl-imghax legali mid-data tal-imsemmija ittra, kontra s-socjeta konvenuta ngunta ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tas-socjeta konvenuta** imressqa minnha fit-30 ta' Marzu, 2010 u li permezz taghha ecceppiet hekk:

1. Fl-ewwel lok, in-nuqqas ta' relazzjoni guridika stante li bejn il-partijiet ma kien hemm ebda appalt ta' tqeghid ta' *membrane*, izda kwalunkwe ftehim li seta sar certament sar ma terzi u mhux is-socjeta konvenuta;

2. Fit-tieni lok, u dan minghajr pregudizzju ghal premess, ix-xogholijiet li sar fil-fond de quo ma sarux skond l-arti u s-sengha, b'dan li l-bini sofra danni, partikolarment dovut ghal dhul ta' l-ilma, liema stat ta' fatt baqa ma trangax nonostante ghall-fatt li dan ingab a konjizzjoni ta' l-attur;

3. Illi ghal dawn ir-ragunijiet, is-socjeta konvenuta m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din il-kawza.

4. Illi lanqas ma ghandha s-socjeta konvenuta tbati l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali ta' l-24 ta' Gunju, 2009 u dan stante li hija nulla u bla ebda effett fil-ligi;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri".

Ra l-verbal tat-13 ta' Gunju, 2011 fejn gie pprezentat seduta stante rikors ghal kjamat in kawza ta' Nicol, Paul u Andrea ahwa Chetcuti. Ra li d-difensur tas-socjeta konvenuta ma opponiex ghal din it-talba u t-Tribunal laqa l-istess.

Ra **r-risposta tal-kjamati fil-kawza Nicol, Paul u Andrea ahwa Chetcuti** imressqa minnhom fil-25 ta' Jannar, 2012 u li permezz taghha ecceppew hekk

1. Illi fil-konfront ta' Andrea, Nichol u Paul Chetcuti, t-talba attrici hija preskritta u dan a tenur ta' l-artikolu 2148 (a) u/jew 2149(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Ra l-verbal tat-28 ta' Mejju, 2012 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Ra l-atti u x-xhieda moghtija;

Ikkunsidra;

6. **L-attur Ivan Vella** xehed fl-10 ta' Gunju, 2010. Qal illi huwa ghamel xoghol gewwa fond proprjeta tas-socjeta konvenuta f'San Pawl il-Bahar. Ighid illi kien qieghed jahdem f'*showroom* u li ghamel xoghol ta' *membrane* f'zewg sulari u baqa niezel isfel ukoll taht l-art. Dawn iz-zewg sulari li semma' l-attur kienu jinsabu taht l-art u l-istess attur ighid li huwa kien thallas tax-xoghol li kien ghamel ghas-socjeta konvenuta. Meta mbaghad kien lesta s-saqaf, l-attur reggha talbu l-hlas izda s-socjeta konvenuta ma reditx taghmel dan peress li kien hemm problema ta' skular ta' ilma fil-parti ta' isfel ta' l-istabbiliment. L-attur jispjega hekk dan il-punt: "*... kellu jkabbar il-lift, u li gara kellu iqatta disa' pulzieri madwar il-lift biex ikabbru u qata' l-membrane li kien hemm. Peress illi beda gej l-ilma jiena ma stajtx nirrangah dan il-membrane. Kien talabni biex nirrangah imma jiena ma stajtx nirrangah*" (fol. 13).

Fis-seduta tat-30 ta' Marzu, 2011 **xehed l-attur in kontro-ezami** u qal li "*kienet is-socjeta konvenuta li kienet inkarigatni sabiex naghmel xoghol fix-showroom. Nghid illi kienu nkarigawni l-missier u t-tfal li huma jiehdu hsieb is-*

*socjeta konvenuta*" (fol. 19). Mistoqsi dwar l-*invoice* li hemm esebita a fol. 14 tal-process, l-attur ighid li "*... meta hemm indikat 'Mecca Enterprises Group' ridt infisser li huma n-nies li huma involuti fil-Mecca*" (fol. 19). Mistoqsi l-ghala hareg l-*invoice* fuq l-isem Mecca Enterprises Group, l-attur ighid "*... ghaliex huma kienu tawni l-isem fuq min kelli nohrog l-invoice*" (fol. 19). Mistoqsi imbaghad meta kien ghamel dan ix-xoghol ghas-socjeta konvenuta u cioe jekk hux fis-sena 2007 jew qabel, l-attur ighid "*jekk niftakar sew kien qabel l-2007*" (fol. 19). L-attur ighid ukoll li mill-imsemmija *invoice* [proprjament *statement*] u li tinsab esebita a fol. 14 tal-process jirrizulta meta huwa spicca mix-xoghol li kien qieghed jaghmel ghas-socjeta konvenuta gewwa San Pawl il-Bahar[1]. Izid ighid li huwa qieghed ifittex lis-socjeta konvenuta ghall-hlasijiet dovuti lilu in konessjoni ma xoghol li ghamel fuq is-saqaf tal-proprjeta tas-socjeta konvenuta.

7. Permezz ta' nota datata 13 ta' Mejju, 2011 s-socjeta konvenuta esebiet l-ewwel pagna tal-*Memorandum & Articles of Association* taghha u dan sabiex jigi ppruvat li hija giet inkorporata skond il-ligi ferm wara li l-attur allegatament gie nkarigat bl-appalt mertu tal-kawza. Skond id-dokument anness, is-socjeta konvenuta giet irregistrata fit-2 ta' April, 2009.

8. Fl-20 ta' April, 2012 **xehed Nikol Chetcuti**, wiehed mill-kjamati in kawza. Fix-xhieda tieghu jghid li "*bhala Mecca Enterprises Limited l-attur qatt ma tqabbad pero bhala jiena u hija personalment konna qabbadnih biex jaghmel xogholijiet ta' membrane fil-fond proprjeta taghna f'San Pawl il-Bahar*". Huwa jghid ukoll, in kontro-ezami, illi "*l-invoices li kien jibghatilna l-attur kienu dejjem indirizzati bhala A and N Chetcuti u mbaghad VAT number 1778309*".

[1] Skond l-*statement* datata Gunju, 2010 jirrizulta li s-somma ta' €2,522.19 [permezz tat-talba odjerna, l-attur qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta' €2,500] kienet dovuta fit-28 ta' Frar, 2009.

Fl-24 ta' April, 2012 reggha xehed l-istess xhud u meta gie mistoqsi jekk l-attur ghamilx xi xogholijiet ta' *membrane*, huwa wiegeb fl-affermattiv u zied ighid li dan ix-xoghol ta' *membrane* sar "*fuq il-premises ta' Mecca Enterprises Limited u cioe s-socjeta konvenuta f'dawn il-proceduri*". Meta gie mitlub jispjega l-*invoices* li gew esebiti bhala dok. AF1, AF2, AF3, AF4, AF5 u AF6 rispettivament ix-xhud qal illi dawn kienu ntestati lil Mecca Enterprises Group u thallsu. Dawn ix-xogholijiet, ighid il-kjamat in kawza, kienu jikkomprendu ukoll xogholijiet li saru fil-proprjeta privata taghhom. Ix-xhud jaghlaq billi jghid li "*kull meta Ivan Vella kellu jiehu dejjem gie ghandi u dejjem jiena hallastu*".

9. Fl-istess seduta xehdet ukoll **Dott. Audrey Vassallo**, Assistent Registratur fil-Qrati Civili u Tribunali li qalet illi ma kienet tezisti l-ebda ittra ufficjali mibghuta mill-attur lill-kjamati in kawza bejn il-perjodu 2005 u l-20 ta' April, 2012. L-unika ittra ufficjali li instabet kienet dik mibghuta mill-attur lis-socjeta Mecca Enterprises Limited u ggib id-data tal-24 ta' Gunju, 2009.

Ikkunsidra ulterjorment;

10. Permezz ta' din il-kawza, l-attur qieghed jitlob minghand is-socjeta konvenuta l-hlas ghas-servizzi minnu rezi lilha. Dawn is-servizzi kienu jikkonsistu f'xogholijiet ta' installazzjoni ta' *membrane* gewwa fond f'San Pawl il-Bahar. L-attur qieghed jitlob il-hlas ghax-xogholijiet ta' *membrane* li huwa ghamel fuq is-saqaf tal-proprjeta mmobbiljari appartenenti lis-socjeta konvenuta. Izid ighid li huwa jaf biss lis-socjeta konvenuta ghal hlas ta' dawn ix-xogholijiet. Is-socjeta konvenuta esebiet dokument (fol. 22) li juri li hi giet registrata fit-2 ta' April, 2009 filwaqt li x-xogholijiet li taghhom qieghed jitlob il-hlas l-attur kienu lesti fit-28 ta' Frar, 2009 (fol. 14) u allura l-ammont ma setax ikun dovut mis-socjeta konvenuta l-ghaliex lanqas biss kienet tezisti dak iz-zmien.

11. Il-konvenut fis-seduta tal-24 ta' April, 2012 esebixxa sett ta' *invoices* intestati fuq isem Mecca Enterprises Group. Il-kjamat in kawza Nikol Chetcuti da parti tieghu ammetta li l-attur ghamel xi xoghol fuq proprjeta appartenenti lis-socjeta konvenuta u li kull meta huwa mar ghandu b'xi *invoice* dejjem hallsu.

12. L-eccezzjoni tal-kjamati in kawza ghar-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni taqra hekk:

"*Illi fil-konfront ta' Andrea, Nichol u Paul Chetcuti, t-talba attrici hija preskritta u dan a tenur ta' l-artikolu 2148 (a) u/jew 2149(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta*"

13. L-**artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jaqra hekk:

**2148.** L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:

(*a*) l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta' **persuni** oħra **li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu**[2];

14. Imbaghad l-**artikolu 2149(a) tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jaqra hekk:

**2149.** L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta'sentejn:

---

[2] The following actions are barred by the lapse of eighteen months:

(*a*) actions of tailors, shoemakers, carpenters, masons, whitewashers, locksmiths, goldsmiths, watch-makers, and other <u>persons exercising any trade or mechanical art, for the price of their work or labour or the materials supplied by them</u>;

(*a*) l-azzjonijiet tal-bennejja ta’ bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-**kuntratturi** ta’ bini ieħor jew ta’xogħlijiet oħra ta’ injam, ġebel, jew materjal ieħor, **għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu**[3]:

15. Fil-fehma tat-Tribunal, l-art. 2148(a) ma jghoddx ghall-kaz fejn il-kreditur [f’dan il-kaz l-attur Ivan Vella] ikun imprenditur, hekk li l-prestazzjonijiet tieghu jkunu atti tal-kummerc. Dan qalitu l-Qorti ta’ l-Appell, Sede Inferjuri, f’sentenza moghtija fit-18 ta’ Mejju 1929 *in re* **Tommaso Pace nomine versus Salvatore Muscat**[4]:

*“…. la disposizione dell’articolo 1912 dell’Ordinanza N VII del 1868 (illum art. 2148 tal-Kodici Civili), secondo la quale si prescrivono col decorso di diciotto mesi le azioni dei sarti, calzolai, falegnami ed altre persone esercenti mestieri ed arti mecchaniche pel prezzo delle loro opere, dei loro lavori e delle cose che somministrano, non e’ applicabile a coloro che esercitano una impresa per il loro credito per le opere da loro eseguite e pei materiali da loro forniti ai quali crediti e applicabile la prescrizione di due anni stabilita nell’ articolo 1913 [illum art. 2149 tal-Kodici Civili] poiche’ la disposizione dell’articolo 1902 [art. 2148] si riferisce a crediti di artefici che prestano la loro opera (opera), mentre quella di cui all’ articolo 1913 [art. 2149] riguarda i crediti di coloro in cui domina il carattere di speculatore, e che, piu che la loro opera, prestano un lavoro (opus), che fino a tanto che non sia consegnato rimane a loro rischio*”.

16. L-istess qalet il-Qorti tal-Kummerc f’sentenza moghtija fl-14 ta’ Ottubru 1954 *in re* **Joseph Mizzi nomine versus Joseph Delicata proprio et nomine**[5] :

---

[3] The following actions are barred by the lapse of two years:

(*a*) actions of builders of ships or other vessels, and of <u>contractors</u> in respect of constructions or other works made of wood, stone or other material, <u>for the works carried out by them or for the materials supplied by them</u>;

[4] Kollez. Vol. XXVII-I-1013

[5] Kollez. Vol XXXVIII-III-710

"*….. skond l-art. 2253(a) (illum art. 2148(a)) tal- Kodici Civili, jaqghu bil-preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar "l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu"; …. id-dispozizzjoni tal-ligi kontenuta fl-ittra (a) ta' l-imsemmi artikolu tal-Kodici Civili tirreferixxi ruhha ghal-lokazzjoni ta' opera, li biha l-persuni fuq enumerati jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom, u mhux ghal-locatio operis li biha l-imprenditur jobbliga ruhu li jaghti, mhux ix-xoghol, imma l-prodott tax-xoghol – meta l-lokazzjoni d'opera tkun konnessa ma' organizazzjoni ta' mezzi teknici li timprimi lil-lokazzjoni l-karattru ta' att oggettivament kummercjali*".

17. Ghalhekk, biex japplika l-artikolu 2149(a) irid ikun hemm kuntratt ta' appalt. F'dan il-kaz hekk jirrizulta u ghaldaqstant hija din il-preskrizzjoni li tapplika ghal kaz odjern.

18. L-attur qieghed jitlob il-hlas ghal xoghol ta' tqeghid ta' *membrane* u l-materjal uzat minnu minghand is-socjeta konvenuta u l-kjamati in kawza. Il-kjamati in kawza qanqlu l-eccezzjoni tal-preskrizjoni a tenur ta' l-artikolu 2148(a) u 2149(a) tal-kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

19. Mill-atti jirrizulta s-segwenti:

i. Ix-xoghol maghmul mill-attur, skond ma jindika l-i*statement* esebit a fol. 14 tal-process, tlesta fit-28 ta' Frar, 2009;

ii. L-attur ipprezenta ittra ufficjali kontra s-socjeta konvenuta fl-24 ta' Gunju, 2009 ghal-liema ittra, s-socjeta

konvenuta wiegbet permezz ta' nota pprezentata fis-16 ta' Lulju, 2009;

iii. Ittra ufficjali kontra l-kjamati in kawza ma gietxipprezentata fir-Registru tal-Qorti u dan kif jirrizulta mix-xhieda ta' Dott. Audrey Vassallo, Assistent Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali;

iv. Il-kawza odjerna giet intavolata kontra s-socjeta konvenuta fil-21 ta' Jannar, 2010;

v. Fit-13 ta' Gunju, 2011, l-attur ressaq rikors fejn talab il-kjamat in kawza ta' Nikol, Paul u Andrea ahwa Chetcuti. It-Tribunal, dak-in-nhar stess, laqa' t-talba. Il-kjamati in kawza gew notifikati bit-talba fis-7 ta' Dicembru, 2011;

vi. Mix-xhieda ta' Nikol Chetcuti ma jirrizultax li huwa rrinunzja ghal preskrizzjoni.

20. Illi x-xoghol maghmul mill-attur tlesta fit-28 ta' Frar, 2009 u l-kjamati in kawza gew notifikati bit-talba fis-7 ta' Dicembru, 2011 u b'hekk ferm wara l-perjodu ta' sentejn li jissemma fl-artikolu 2149(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Konsegwentement, it-Tribunal qieghed jiddikjara li l-azzjoni ta' l-attur hija perenta fil-konfront tal-kjamati in kawza.

21. Is-socjeta konvenuta tghid fl-ewwel eccezzjoni taghha li hija ma ghandhiex "*relazzjoni guridika stante li bejn il-partijiet m akien hemm ebda appalt ta' tqeghid ta' membrane, izda kwalunkwe ftehim li seta sar certament sar ma terzi u mhux is-socjeta konvenuta*". Illi mir-ricevuti esebiti, jirrizulta li l-attur kien johrog *statements* lil "*Mecca*

*Ent Group*[6]". Meta xehed l-attur fis-seduta tat-30 ta' Marzu, 2011, huwa qal li "*... meta hemm indikat Mecca Enterprises Group ridt infisser li huma n-nies li huma involuti fil-Mecca*" u "*Jiena nghid illi l-invoice hrigtu fuq Mecca Enterprises Group ghaliex huma kienu tawni l-isem fuq min kelli nohrog l-invoice. Ma nistax niftakar meta kienu nkarigawni sabiex naghmel dawn ix-xogholijiet*" (fol. 19). Min dawn id-dikjarazzjonijiet jidher bic-car li l-attur kien qieghed jaghmel xogholijiet ghal kjamati in kawza u mhux ghal kumpanija. Oltre dan, ix-xoghol tlesta fit-28 ta' Frar, 2009 filwaqt li l-kumpnaija konvenuta giet kostitwita fit-2 ta' April, 2009 (dok. NC1 a fol. 45). Illi ghalhekk ghandu jirrizulta li meta sar ix-xoghol, is-socjeta konvenuta ma kienitx tezisti u li ghalhekk, l-istess socjeta qatt ma setat inkarigat lill-attur biex jaghmel ix-xogholijiet li huwa qieghed jitlob il-hlas taghhom minn ghandha. Ghalhekk din l-eccezzjoni preliminari ta' nuqqas ta' relazzjoni guridika sejra tintlaqa.

22. Illi ghalhekk ma huwiex il-kaz li t-Tribunal jkompli jinvesti l-eccezzjonijiet l-ohra tas-socjeta konvenuta salv dik li tirrgwarda l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

23. It-Tribunal sejjer jakkolla l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri lis-socjeta konvenuta u dan ghas-segwenti ragunijiet:

i. Meta giet imressqa r-risposta tas-socjeta konvenuta fit-30 ta' Marzu, 2010 hija kienet taf minn kienu t-terzi.

ii. Dawn it-terzi ma huma hadd ghajr il-kjamati in kawza Nichol u Andre ahwa Chetcuti li ghandhom involviment fl-istess socjeta konvenuta.

iii. B'hekk is-socjeta konvenuta kienet taf minn kienu t-terzi mal-prezentata tar-risposta taghha u ghalhekk, l-istess socjeta konvenuta kienet tenuta, a tenur tar-regolament numru sitta (6) ta' l-Avviz Legali 145 tas-sena

[6] Ara dok. IV 1 a fol. 14 u dok. AF 1, AF 2, AF 3 AF 4, AF 5 u AF 6 a fol. 54 sa 59 tal-process rispettivament;

1995 kif emendat li tindika dan. Di fatti, dan ir-regolament jaqra hekk:

"*6 (1) Jekk il-konvenut jidhirlu li ghandu jkun hadd iehor li jhallas it-talba, huwa ghandu jindika fir-risposta tieghu min hi dik il-persuna l-ohra li ghandha thallas it-talba kollha jew parti minnha*" (sottolinejar tat-Tribunal).

24. Il-ligi tuza l-kelma "ghandu" b'referenza ghall-fatt li l-konvenut jrid jghid min hi l-persuna li fil-fehma tieghu ghandha thallas it-talba kollha jew parti minnha. F'dan il-kaz, is-socjeta konvenuta kienet taf minn kienet il-persuna li kellha thallas din it-talba u baqghet ma ghamlet xejn. Kien ikun kaz iehor li kieku t-terz ma kienx maghruf ghas-socjeta konvenuta. Pero fil-kaz odjern, dan mhux il-kaz l-ghaliex il-kjamati in kawza huma nvoluti fis-socjeta konvenuta u din ta' l-ahhar kienet taf bihom u ghalhekk kellha obbligu li tindikahom.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed:

i) jilqa l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-kjamati in kawza a tenur ta' l-artikolu 2149(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u jiddikjara l-azzjoni tal-attur preskritta fil-konfront taghhom;

ii) jilqa l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta konvenuta u konsegwentement jiddikjara li s-socjeta konvenuta ma ghandhiex relazzjoni guridika ma' l-attur.

iii) Jichad it-talba ta' l-attur.

iv) Jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra kollha salv ghal dawk li jirrigwardaw l-ispejjez.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu, in vista ta' dak li inghad f'din is-sentenza ghar-rigward ta' l-ispejjez, jigu sopportati fl-intier taghhom mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------